



Brussell, 13 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13125/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0255(NLE)**

**AGRI 498
AGRIORG 100
OIV 8**

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	12114/22 + ADD 1-2
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' ċerti riżoluzzjonijiet li ser jittieħed vot dwarhom fl-20 Assemblée Ġenerali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV) - <i>Adozzjoni</i>

1. Fil-5 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill "Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV)"¹, bil-ħsieb tal-20 Assemblée Ġenerali li ser issir fl-4 ta' Novembru 2022 fil-Messiku.
2. Fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Ottubru 2022, il-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura approva l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.
3. Il-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura għalhekk jistieden lill-Kunsill, f'waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss:
 - jadotta bħala punt "A" d-Deċiżjoni kif tinsab fid-dokument 13105/22;
 - jieħu nota li l-Parlament Ewropew ser jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u li d-Deċiżjoni ser tintbagħat lill-PE.

¹ Dokument 12114/22.